

Brussell, 30 ta' April 2021
(OR. en)

8195/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0225(CNS)

RECH 175
COMPET 291
IND 102
MI 286
EDUC 142
TELECOM 164
ENER 142
ENV 260
REGIO 55
AGRI 191
TRANS 241
SAN 245
CADREFIN 199
SUSTDEV 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) Nru 2013/743 - Adozzjoni

1. F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għall-pakkett Orizzont Ewropa, li jinkludi l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa u l-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa¹. Il-proposta għall-Programm Speċifiku kienet ibbażata fuq l-Artikoli 173(3) u l-Artikolu 182(4).

¹ 9870/18 + ADD 1

2. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-MPE Christian EHLER (PPE) bħala rapporteur dwar il-Programm Speċifiku. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tiegħu fil-plenarja tat-12 ta' Diċembru 2018. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018², filwaqt li l-Kumitat tar-Reġjuni pprovda l-opinjoni tiegħu fis-Sessjoni plenarja tiegħu tat-8-10 ta' Ottubru³.
3. Il-Kunsill Kompetittività indirizza kwistjonijiet ewlenin relatati mal-proposta għall-Programm Speċifiku fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2018 u pprovda gwida politika dwar il-bidla tal-bażi ġuridika ta' dik il-proposta għall-Artikolu 182(4) TFUE biss⁴. Dik il-gwida għet ikkonfermata fil-laqgħat tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2018 u tad-19 ta' Frar 2019.
4. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni skambjaw il-fehmiet tagħhom dwar il-modifika prevista tal-bażi ġuridika tal-Programm Speċifiku, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-paragrafu 25⁵. F'dan il-kuntest, it-tliet istituzzjonijiet żammew mal-Artikolu 182(4) TFUE bħala l-bażi ġuridika xierqa għall-Programm Speċifiku.
5. Fil-15 ta' April 2019, il-Kunsill adotta Approċċ Ġenerali Parzjali dwar il-Programm Speċifiku⁶. Jumejn wara, il-Kunsill bagħat ittra lill-Parlament Ewropew fejn stiednu jagħti l-opinjoni tiegħu skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu dwar il-Programm Speċifiku⁷ abbażi tal-bażijiet ġuridiċi oriġinali tiegħu iżda qabel li jadatta l-bażi ġuridika fi stadju aktar tard tal-proċedura.

² 13758/18 (l-opinjoni tkopri kemm il-Programm Qafas kif ukoll il-Programm Speċifiku).

³ 13759/18 (l-opinjoni tkopri kemm il-Programm Qafas kif ukoll il-Programm Speċifiku).

⁴ Ara l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill: 11422/18

⁵ 8551/19

⁶ 7911/1/19 REV 1

⁷ P8_TA(2019)0396

6. Fl-4 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta emendata għall-Programm Speċifiku biex tagħmel disponibbli finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (Next Generation EU - NGEU) għal Orizzont Ewropa⁸. Fid-dawl ta' din il-proposta emendata, fit-18 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill baġhat it-tieni ittra lill-Parlament Ewropew fejn talab li jippreżenta l-opinjoni tiegħu abbażi tal-proċedura leġislattiva speċjali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2020.
7. Fid-29 ta' Settembru 2020, il-Kunsill Kompetittività adotta Approċċ Ġenerali dwar il-Programm Speċifiku⁹.
8. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva test rivedut tal-Programm Speċifiku bil-ħsieb li titnieda r-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti¹⁰.
9. Permezz ta' ittra tal-25 ta' Frar 2021, il-Kunsill estenda l-iskadenza għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew fejn talbu jippreżenta l-opinjoni tiegħu sat-30 ta' April 2021 minħabba l-urġenza marbuta mal-adozzjoni tal-Programm Speċifiku.
10. Fit-28 ta' April 2021, il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm Speċifiku¹¹.
11. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) Nru 2013/743/UE, kif tinsab fid-dokument 8967/20, bħala punt “A” fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss tal-Kunsill;
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-dokument msemmi hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkustanzi marbuta mal-COVID-19, ma sseħħ ebda laqgħa tal-Kunsill qabel l-10 ta' Mejju 2021.
12. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni tinsab fl-ADD 1 għal din in-nota.

⁸ 8555/20

⁹ 11256/20

¹⁰ 5370/21

¹¹ P9_TA(2021)0125